MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-03 ta' Frar, 2021

Appell Inferjuri Numru 22/2019/1 LM

**Kenrick Camilleri (K.I. numru 250885M)**
*("l-appellat")*

***vs.***

**Mapfre Middlesea plc (C 5553)**
*("is-soċjetà appellanta")*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata, hawnhekk appellanta, **Mapfre Middlesea plc (C 5553)** mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal") fil-15 ta' Jannar, 2020 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata") li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda l-vertenza li kellu quddiemu billi ċaħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà intimata, u laqa' t-talba tar-rikorrent **Kenrick Camilleri (K.I. numru 250885M)**,

hawnhekk "l-appellat") limitatament għal tlett elef Euro (€3,000), filwaqt li ordna lis-soċjetà intimata tħallas dan l-ammont lir-rikorrent.

**Fatti**

2. Ir-rikorrent istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal, fejn spjega li huwa xtara vettura SEAT Ibiza mill-Ingilterra, u assiguraha għall-valur ta' €11,000 mas-soċjetà intimata. Qal li anqas minn sena wara li xtara din il-vettura, fit-8 ta' Settembru, 2014 kellu inċident u l-vettura tiegħu spiċċat *total loss.* Qal li meta għamel talba mas-soċjetà intimata[1] għall-ħlas, wara ħafna tiġbid, "ħarġu bit-teorija li fuq kuntratt *uberrimae bonae fidei* ta' assikurazzjoni, meta kienu fl-istess sena tħallsu għall-valur inxurjat *'full and comprehensive'* bħala *premium*, irrifjutaw li jħallsu l-ammont." Qal li wara li ppreżenta żewġ ittri uffiċjali kontra s-soċjetà intimata, din iddepożitat l-ammont ta' €7,300, liema ammont ġie żbankat minnu. Ir-rikorrent spjega li bejn il-partijiet hemm kontestazzjoni dwar l-ammont ta' €3,200, li s-soċjetà intimata jidhrilha li għandha tibqa' żżomm minflok tħallashom lir-rikorrent, minkejja li l-kuntratt bejn il-partijiet kien jistipula li l-valur tal-vettura kien ta' €11,000 u l-*premium* li tħallas mir-rikorrent lis-soċjetà intimata kien maħdum fuq dan l-ammont.

**Mertu**

3. Ir-rikorrent kien assigura l-vettura mas-soċjetà intimata għall-valur ta' €11,000. Ftit żmien wara li kien xtara din il-vettura, ir-rikorrent kellu inċident u

[1] Oriġinarjament kienet is-soċjetà Allcare Insurance Limited li ħarġet il-polza tal-assigurazzjoni, imma wara ħaditha s-soċjetà intimata.

l-vettura ġiet dikjarata *total loss.* Ir-rikorrent kien talab lis-soċjetà intimata tħallsu l-valur assigurat tal-vettura, imma din iddepożitat l-ammont ta' €7,300 taħt l-awtorità tal-Qorti. Is-soċjetà intimata tgħid li dan l-ammont kien jirrappreżenta l-*market value* reali tal-vettura, imnaqqas ir-*wreck value* tagħha. Is-soċjetà intimata tikkontendi li r-rikorrent ġie mħallas skont il-polza tal-assigurazzjoni, tenut kont ukoll ta konsiderazzjonijiet relatati mal-valur u kundizzjoni tal-vettura u l-i*specifications* tal-istess u ma hija dovuta l-ebda somma ulterjuri. Oiġinarjament ir-rikorrent kien irrifjuta li jaċċetta din is-somma meta ġiet offruta lilu, imma sussegwentement kien żbanka dan l-ammont. Is-soċjetà intimata eċċepiet ukoll li kien jinkombi fuq ir-rikorrent li jġib prova tal-ammont pretiż minnu.

5. Ir-rikorrent, fl-*affidavit* tiegħu qal li l-vettura inkwistjoni kienet tal-għamla SEAT Ibiza, u l-valur tagħha kien ta' €11,000. Qal li l-vettura kienet inxtrat mill-Ingilterra bil-prezz ta' GBP 7,750, u qal li huwa ħallas ammont ulterjuri lill-kumpannija li ttrasportat il-vettura lejn Malta. Spjega li wara l-inċident li kellu fit-8 ta' Settembru, 2014, is-soċjetà assiguratriċi intimata bdiet iġġib ħafna argumenti biex ma tħallasx il-valur sħiħ tal-vettura, fosthom li wara ċertu żmien il-valur ta' vettura li tkun inġabet mill-Ingilterra jkun naqas, kif ukoll li huwa kellu jiġbor il-prezz sħiħ tal-vettura wara li jitħallas tar-*wreck value* mingħand terzi. Qal li huwa mhux negozjant tal-*ispare parts,* u l-ftehim li kellu mas-soċjetà assiguratriċi kien li huwa kellu jitħallas fi flus u mhux bi bċejjeċ ta' vetturi. Ir-rikorrent qal li s-soċjetà intimata ddepożitat l-ammont ta' €7,300 taħt l-awtorità tal-Qorti, liema flus ġew żbankati minnu sabiex ma jakkumulawx imgħaxijiet, imma żied jgħid li huwa għad għandu pretensjoni

għall-ħlas ta' €3,700[2] dovuti lilu. In kontroeżami r-rikorrent qal li huwa kien ġie infurmat li l-valur tar-*wreck* kien ta' €4,000, u s-soċjetà assiguratriċi kienet infurmatu li Everest Garage kienu disposti li jixtru r-*wreck* b'dak il-prezz. Ir-rikorrent ikkonferma li l-vettura hija proprjetà tiegħu, u huwa qatt ma ttrasferixxa l-*ownership* tar-*wreck* biex ikun jista' jiġi ttrasferit. Ir-rikorrent ikkonferma wkoll li huwa żbanka l-ammont ta' €7,300 madwar sentejn wara l-inċident.

**Anthony Camilleri**, missier ir-rikorrent ikkonferma li l-vettura inkwistjoni inġabet mill-Ingilterra u li l-ispejjeż għax-xiri, it-trasportazzjoni u r-reġistrazzjoni tagħha telgħu għal €11,000.

**Omar Mifsud**, *freelance surveyor* tal-vetturi, xehed li huwa kien spezzjona l-vettura inkwistjoni fil-15 ta' Settembru, 2014, u kien iċċertifika li din kienet *beyond economic repair.* Qal li din kellha ħsarat sostanzjali fil-parti ta' quddiem, filwaqt li mal-impatt kienu ħarġu l-*air bags*, u meta għamel il-kalkoli tal-ispejjeż tat-tiswija, ikkonkluda li din il-vettura kienet *write-off.* Ix-xhud qal li dak iż-żmien huwa kien stabbilixxa li l-valur ta' din il-vettura kien ta' €10,300. Dan ix-xhud esebixxa dokumentazzjoni u ritratti dwar l-istat tal-vettura mertu ta' dawn il-proċeduri in segwitu għall-inċident.

Xhud ieħor, **John Lentini**, *senior claims handler* mas-soċjetà intimata, qal li l-vettura tal-għamla SEAT Ibiza bin-numru ta' reġistrazzjoni KBR 449, bejn id-19 ta' Diċembru, 2013 u t-30 ta' Novembru 2014 kienet assigurata mal-AllCare Insurance Limited, imbagħad ħaditha s-soċjetà intimata. Qal li s-soċjetà

---

[2] Fl-Avviż tat-Talba ir-rikorrent jgħid li s-somma kkontestata hija ta' €3,200.

intimata kienet ġiet infurmata li l-vettura inkwistjoni kienet involuta f'inċident stradali fit-8 ta' Settembru, 2014, u kien sar *survey* fuq il-vettura għand il-garaxx magħżul mill-assigurat Kenrick Camilleri, u kien ġie stabbilit li din kienet *total loss* għaliex l-ispejjeż tal-ħsarat ma kinux jagħmluha vijabbli li din tissewwa. Ix-xhud qal li s-soċjetà intimata kienet ikkomunikat mal-*broker* tal-klijent, li ġie infurmat li s-soċjetà assiguratriċi kienet lesta tħallas l-ammont ta' €9,800, iżda din l-offerta ġiet rifjutata mir-rikorrent. Żied jispjega li l-offerta kienet li jitħallas l-ammont ta' €5,800 mingħand is-soċjetà assiguratriċi, u l-ammont ta' €4,000 mingħand tellar li kien dispost li jixtri l-vettura bid-daqqa b'dak il-prezz. Ix-xhud qal li sussegwentement saret offerta oħra, fejn ir-rikorrent ġie infurmat li kien ser jitħallas l-ammont ta' €6,800 u l-bilanċ ta' €3,000 jitħallas mit-tellar. Ix-xhud qal li eventwalment ġie deċiż li għandu jiġi depożitat l-ammont ta' €7,300 fil-Qorti sabiex jiġi evitat li jiddekorru l-imgħaxijiet fuq l-ammont, u li dan l-ammont hekk depożitat ġie żbankat mir-rikorrent. Ix-xhud spjega li l-valur ta' vettura kull sena jonqos bejn 10% u 15% u fir-rigward ta' vetturi impurtati minn barra, il-valur tagħhom normalment jonqos b'madwar 15%. Ix-xhud qal li wara l-inċident kien hemm tellar li kien interessat li jixtri din il-vettura għal €4,000, iżda maż-żmien anki l-valur tar-*wreck* jibda jonqos. Qal li fl-aħħar komunikazzjoni li kien hemm mar-rikorrent, dan ġie infurmat li kien hemm min kien dispost iħallas €2,500 għar-*wreck.* Żied jgħid li n-negozju dwar it-trasferiment tar-*wreck* lit-tellar, kellu jsir mir-rikorrent innifsu. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud qal li r-*wreck* jibqa' proprjetà tal-assigurat, u huwa għalhekk li dan huwa mistenni li jagħmel kuntatt ma' min huwa interessat li jixtrih. Ix-xhud qal ukoll li r-rikorrent qatt ma qal li l-vettura ma riedx iżommha, u kieku sar it-trasferiment tar-*wreck*,

huma kienu jħallsuh id-differenza bejn il-valur tar-*wreck* u l-ammont li offrewlu. Qal li r-rikorrent ingħata għażla x'jagħmel bil-vettura għaliex dik hija proprjetà tiegħu u għaliex s-soċjetà tal-assigurazzjoni ma tistax tikkmandah x'jagħmel bil-vettura.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

6. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-15 ta' Jannar, 2020, it-Tribunal iddeċieda li għandu jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà intimata u jilqa' t-talba tar-rikorrent limitatament għall-ammont ta' tlett elef Euro (€3,000), filwaqt li ordna lis-soċjetà intimata tħallas dan l-ammont lir-rikorrent, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-13 ta' Frar 2019 li permezz tiegħu l-attur ippremetta u talab:*
>
> *"Illi l-esponenti ġab vettura Seat mill-Ingilterra u inxurjaha fuq il-prezz u l-ispejjeż għal €11,000. Oriġinarjament kienet l-assikurazzjoni Allcare, imma wara ħaditha l-kumpannija konvenuta. Ġara li lanqas għaddiet sena, fit-8 ta' Settembru 2014, l-esponenti kellu inċident minħabba żliq u ħabat waħda u l-karozza spiċċat* total loss*.*
>
> *Meta għamel talba lill-intimata għall-ħlas, wara ħafna tiġbid, ħarġu bit-teorija li fuq kuntratt* uberrimae bonae fidei *ta' assikurazzjoni, meta kienu fl-istess sena tħallsu għall-valur inxurjat* 'full and comprehensive' *bħala premium, irrifjutaw li jagħtu l-ammont.*
>
> *Saret ittra uffiċjali fl-1 ta' Frar 2016, u wara fit-18 ta' Lulju 2016, is-soċjetà intimata iddepożitat €7,300 biex ma jgħaddux imgħaxijiet. Fl-10 ta' Novembru 2016 l-attur għamel rikors fejn talab li jiżbanka 'biex jieqfu jiddekorru l-imgħaxijiet'. Il-P.L. Silvana Vella għas-soċjetà intimata fit-18 ta' Novembru 2016 ma opponietx għal tali talba ta' żbank.*
>
> *Illi bejn il-partijiet hemm kontestazzjoni dwar €3,200 li unilateralment is-soċjetà konvenuta dehrilha kellha żżomm minkejja li l-kuntratt kien jgħid li l-valur kien ta'*

*€11,000 u fuq hekk tħallas il-premium. Wara l-ittra uffiċjali jiddekorru l-imgħaxijiet legali mill-1 ta' Frar 2016.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimata li minn issa inġunta għas-subizzjoni."*

*Ra r-Risposta tas-soċjetà konvenuta ppreżentata fit-18 ta' Marzu 2019 li fiha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:*

*"1. Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*2. Illi l-vettura tar-rikorrenti ġiet iddikjarata* total loss *wara inċident datat 8 ta' Settembru 2014 u l-kumpannija assiguratriċi intimata li kienet tkopri l-użu ta' tali vettura kienet iddepożitat l-ammont ta' sebat elef u tliet mitt euro (€7,300) rappreżentanti l-*market value *reali tal-vettura (imnaqqas ir-*wreck value *tagħha u dan wara li l-istess somma kienet ġiet irrifjutata mir-rikorrenti;*

*3. Illi r-rikorrenti ġie mħallas skont il-polza tal-assigurazzjoni tenut kont ukoll konsiderazzjonijiet relatati mal-valur u kundizzjonijiet tal-vettura u l-*ispecifications *tal-istess u ma hija dovuta ebda somma ulterjuri;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost ir-rikorrenti jrid iġib prova tal-ammont pretiż;*

*5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."*

*Sema' x-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, sema' t-trattazzjoni finali li saret tul is-seduta tat-18 ta' Novembru 2019 u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-15 ta' Jannar 2020.*

***<u>Provi ippreżentati</u>***

*L-attur ippreżenta affidavit li fih qal:*

- *Huwa kellu vettura assigurata ma' Allcare Insurance u din is-soċjetà ttieħdet mis-soċjetà konvenuta. Il-vettura kienet Seat Ibiza u l-valur tagħha kien ta' €11,000. Din kienet inxtrat mir-Renju Unit għall-ammont ta' GBP 7,750 u hu kien ħallas €9,419.06 għaliha. Speċifikament, il-vettura inxtrat minn Sheriff Motorcar Sales. L-attur kien ħallas ukoll €1,000 għat-trasport tal-vettura lejn Malta. Hu ħallas* registration tax *ta' €1,404.66 u spejjeż relatati mal-liċenzja kienu €185.83 u €50. L-ammont ta' €11,000 kien jirrappreżenta l-prezz globali mħallas u l-valur li għalih ġiet assigurata l-vettura.*
- *L-attur spjega li l-inċident ikkawżalu dispjaċir u l-assigurazzjoni bdiet iġġiblu ħafna argumenti. Fost affarijiet oħrajn, huma qalulu li billi l-vettura ġiet mir-Renju Unit, wara xi żmien il-vettura kienet sofriet deprezzament. Iżda skont l-attur, l-assigurazzjoni ma kinitx qed tikkalkula t-trasport u r-*registration tax

*imħallsin. Proposta oħra kienet li jagħtuh €7,800 u għall-kumplament jitħallas mir-*wreck*. L-attur qal li hu ma kienx negozjant tal-*ispare parts *u la kien jaf kif u lanqas kellu l-ħin biex jagħmel dan.*

- *Permezz taċ-Ċedola ta' Depożitu 1325/16, is-soċjetà konvenuta ddepożitat l-ammont ta' €7,300. L-avukat tal-attur kien għamilha ċara, li kien qiegħed jirtira akkont tal-ammont sabiex jieqfu l-imgħaxijiet u meta sar ir-rikors ta' żbank, il-prokuratur legali tas-soċjetà konvenuta iffirmat li ma kellha ebda oġġezzjoni għall-iżbank f'dawk it-termini. Għalhekk, l-ammont ġie żbankat u skont l-attur, baqa' bilanċ ta' €3,700 oltre l-interessi mid-data tal-ittra uffiċjali relattiva;*
- *Meta kellhom jinħadmu l-ammonti relattivament għall-assigurazzjoni, hu kien ħallas €407 proprju fuq il-valur ta' €11,000. Il-vettura kienet damet għandu biss ftit xhur u kien għadu "imsallab" bir-*wreck*.*

*Anthony Camilleri, li jiġi missier l-attur, ippreżenta affidavit li fih essenzjalment ikkonferma l-kontenut tal-affidavit tal-attur. Affidavit simili ġie ppreżentat ukoll mill-Avukat Dr Joseph Brincat.*

*Fl-udjenza tat-18 ta' Settembru 2019 xehed Omar Mifsud, prodott mis-soċjetà konvenuta in eżami. Hu xehed li kien* freelance surveyor *u li kien ra l-vettura KBR 449 li tappartjeni lill-attur fil-15 ta' Settembru 2014. Irriżultalu li din kienet* write-off *billi kellha ħsarat sostanzjali in-naħa ta' quddiem oltre li kienu ħarġu l-*airbags *li kienu jirrikjedu ammont sewwa biex jissewwew. Wara li saru l-kalkoli neċessarji irriżulta li din kellha tkun* written off*. Il-valur tal-vettura ġie kkunsidrat li kien madwar €10,300 qabel l-inċident.*

*Mifsud kompla jixhed li fil-fatt, kienet għamlet differenza li l-vettura kienet impurtata mir-Renju Unit. Huma waslu għall-ammont ta' €10,300 wara li mir-riċerka li saret tramite l-internet, qabblu mudell simili fl-*ispecifications*, ħadu* average mileage *billi wara l-inċident wieħed ma setax jara l-*mileage *tal-vettura relattiva, l-ispejjeż tax-xiri, trasport u reġistrazzjoni u daqsxejn element ta'* dealer profit*. Il-vettura li huma ikkalkulaw kienu l-aktar li taqbel ma' dik tal-attur kienet Seat Ibiza Sport 5-door li kienet tiswa madwar GBP6,000. Ix-xhud qal li ntużat dik il-vettura, li kienet aktarx ftit aħjar minn dik tal-attur, billi meta jkun hemm dubji, dawn jimmilitaw favur il-klijent (hawn l-attur) "biex ma jkunx hemm problemi żgur".*

*Fil-kontro-eżami, Mifsud spjega li l-valur li joħroġ mill-website ta' Transport Malta huwa l-valur li jinħadem fuq it-taxxa li hija imbagħad ibbażata fuq il-*valuation system *tar-Renju Unit. Mifsud qal li hu ma setax jidħol fil-kumplessitajiet kollha tas-sistema tal-gvern iżda spjega li fil-bażiku, il-prezzijiet li jintużaw sabiex jinħadem il-valur ma jkollhomx differenzi ta' eluf bejniethom u l-prezz verament imħallas mix-*

*xerrej tal-vettura. It-Transport Malta tuża s-sistema barranija bħala* guideline *sabiex is-sistema tal-kompjuter topera fuqha. Kien impossibbli li wieħed joqgħod jidħol f'kull dettall tal-mertu għax inkella, il-kalkoli ma jispiċċaw qatt.*

*Mifsud kompla jgħid li qabel ġie ffirmat il-kuntratt tal-assigurazzjoni hu ma kienx ipprovda parir lis-soċjetà konvenuta dwar il-valur tal-vettura.*

*Ix-xhud xehed in ri-eżami u spjega li sabiex wieħed jistabbilixxi l-valur, l-ewwel wieħed li jieħu idea ta' kemm ser jiswa lill-individwu sabiex idaħħal vettura f'Malta u fuq dak l-ammont tiġi kkalkulata t-taxxa. Il-gvern ma jikkunsidrax kull vettura individwalment. Iżda għall-kalkolu tal-assigurazzjoni x-xhud kellu bilfors jikkunsidra l-varjant partikolari tas-Seat Ibiza tal-attur. Huwa kompla jispjega li s-sistema ta' Transport Malta waslet għall-valur f'ewro ta' €5,947, liema valur intuża biss biex tinħadem ir-*registration tax.

*Fl-udjenza tat-23 ta' Ottubru 2019 xehed John Lentini,* senior claims handler *fi ħdan is-soċjetà konvenuta. Lentini xehed hekk:*

- *Il-vettura kienet assigurata mill-Allcare Insurance Limited bejn id-19 ta' Diċembru 2013 u t-30 ta' Novembru 2014. L-inċident stradali relattiv seħħ fit-8 ta' Settembru 2014. F'dak iż-żmien, il-vettura kienet assigurata għall-ammont ta' €11,000.*
- *Tramite l-*broker*, l-assigurazzjoni infurmat lill-attur li kienet lesta tasal għal* settlement *ta' €9,800 konsistenti f'*cash settlement *ta' €5,800 u l-vettura kif kienet (bħala* wreck*) li kienet tiswa €4,000 u l-attur seta' jbiegħha lil xi tellar.*
- *F'Marzu 2018 is-sitwazzjoni inbidlet fis-sens li l-assigurazzjoni issa kienet lesta tħallas lill-attur* cash settlement *ta' €6,800 u l-vettura kif kienet (bħala* wreck*) li kienet tiswa €3,000. Wara ftit, l-assigurazzjoni infurmat lill-avukat tal-attur li hija kienet ikkonfermat li hemm xi garaxx lest iħallas €2,500 għall-vettura bħala* wreck *u l-assigurazzjoni kienet lesta tħallas €7,300* cash settlement.
- *Lentini spjega li vettura ssofri minn deprezzament ta' bejn 10% u 15% kull sena u qal li d-deprezzament ikun aktar qawwi meta vettura tkun impurtata.*
- *Rigward raġunijiet għal dawn ir-reviżjonijiet fl-offerti, Lentini spjega li l-attur beda jagħmel pressjoni u anki kellem lil ċerti persuni biex isir is-*settlement.
- *Rigward il-vettura, ix-xhud spjega li l-vettura bħala* wreck *kienet dejjem tibqa' proprjetà ta' sidha u seta' jagħmel biha li jrid. Il-kelma* "wreck" *kienet tfisser li skont l-assigurazzjoni, ma kienx ekonomikament vijabbli li din tissewwa. L-assigurazzjoni għaddiet il-*contact details *ta' min seta' kien interessat fil-vettura bħala* wreck *u imbagħad kien jiddependi mis-sid (hawn l-attur) li attwalment ibiegħ il-vettura fl-istat li kienet.*

- *Ix-xhud ikkonferma li għalkemm il-vettura ġiet assigurata għal €11,000, hu ma kienx jaf il-prezz preċiż tax-xiri u l-miżati kollha konnessi mal-importazzjoni u r-reġistrazzjoni.*
- *In ri-eżami, ix-xhud qal li l-attur qatt ma nfurmahom li hu ma riedx iżomm il-vettura bħala* wreck.

*Fl-udjenza tat-18 ta' Novembru 2019 xehed l-attur. L-attur aċċetta li l-vettura bħala* wreck *kienet tiegħu minkejja li ftit qabel huwa kien qal li l-kwistjoni tar-*wreck *ma kinitx affari tiegħu u hu ried biss* cash. *L-attur aċċetta wkoll li kien jaf bl-offerta ta' €4,000 għall-vettura bħala* wreck *fl-2014 iżda ma kienx jaf bl-offerta ta' €2,500 li saret sentejn wara.*

***<u>Konsiderazzjonijiet</u>***

*It-Tribunal josserva li fi ftit kliem, il-kwistjoni bejn il-kontendenti hija dwar il-vettura bħala* wreck. *L-attur fetaħ din il-kawża għax ippretenda li jkun meħlus mir-*wreck *u jingħata l-valur tagħha fi flus kontanti, u dan skont kliemu stess. Dak li ried jevita l-attur kien li allegatament joqgħod idur 'l hawn u 'l hemm sabiex ifittex persuna interessata li tixtri vettura bħala* wreck.

*It-Tribunal jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet* ***<u>Giuseppe Costanzo vs Laferla Insurance Agency Limited noe</u>*** *fejn intqal hekk dwar in-natura tal-assigurazzjoni:*

*"Din il-Qorti tosserva li polza ta' assigurazzjoni, għal min mhux intiż fil-materja, hija kuntratt pjuttost kumplikat in kwantu dan il-kuntratt, mhux biss jiġbor fih numru ta' klawsoli b'terminoloġija teknika, iżda jikkonċerna materja legali ta' ċerta diffikultà. Dan il-kuntratt infatti joħloq relazzjoni speċjali bejn l-assikurazzjoni u l-assikurat, liema relazzjoni, għalkemm intiża biex twasslu għal riżultat sempliċi, u ċioe s-serħan il-moħħ tal-assikurat, f'ħafna każi jista', minħabba l-kumplessità tal-kunċett ta' assikurazzjoni fil-ħajja ta' kuljum, iwassal għal problemi mhux mixtieqa.*

*Ir-rabta bejn l-assikurat u l-assikurazzjoni għandha l-bidu tagħha fil-*proposal form. *Dan id-dokument jifforma l-bażi tal-polza u jwassal għall-eventwali kopertura mixtieqa. Huwa għalhekk essenzjali li f'dan l-istadju preliminari l-assikurat prospettiv jinġieb a konjizzjoni ta' dak li qed jiġi offrut u li tiġi determinata, bl-aktar mod ċar, il-kopertura li tkun mixtieqa. Ġeneralment huwa f'dan l-istadju biss li l-assikurat jiġi mitlub li jiffirma billi l-assikurat ikun meħtieġ li jagħmel dikjarazzjoni dwar il-veraċità tal-fatti hemm kontenuti. Dan id-dokument, sussegwentement, jista' jservi bħala mezz ta' interpretazzjoni tar-rieda tal-kontraenti f'kull azzjoni intentata mill-assikurat jew biex tiġi sostanzjata kull azzjoni tas-soċjetà assikuratriċi meta ssir talba fuq il-polza b'riżultat ta' event dannuż. Dan, billi, ir-risposti mogħtija*

*mill-assikurat prospettiv, fil-*proposal form*, li kif għidna hija l-bażi tal-polza assikurattiva, jistgħu, mhux biss jikkorroboraw dak li jkun qed jallega l-assikurat dwar l-estensjoni tal-polza, iżda jistgħu wkoll iservu biex jillimitaw l-obbligi tal-assikurazzjoni jew saħansitra jwasslu għax-xoljiment tal-kuntratt. Hawn jassumi rilevanza l-kunċett ta'* "utmost good faith".

*It-Tribunal ra l-*Motor Survey Report *imħejji minn Omar Mifsud (datat 15 ta' Settembru 2014) u ra li fit-taqsima intestata* "Comments/Remarks" *Mifsud kiteb hekk:* "Repairs on this vehicle are not to be undertaken as it is beyond economical repairs. Pre-accident market value €10,300, wreck value €3,000. It is recommended to dispose of this claim through a cash settlement of €7,300 in favour of the owner and he retains wreck."

*Huwa ċar li Mifsud wasal għal din il-konklużjoni wara li ra li l-*Estimate Analysis *li kkunsidrat labour, żebgħa u l-prezz ta' parts meħtieġa (fost affarijiet oħra) kien jammonta (VAT inkluż) għal €7,793.22, liema ammont kien jeċċedi l-*purchase price *li tħallas mill-attur meta dan xtraha mir-Renju Unit (jiġifieri ammont ekwivalenti għal €7,534).*

***Fl-istess* motor survey report*, Mifsud iddeskriva l-*pre-accident condition *tal-vettura bil-kelma "*Excellent*" u qal li l-*market value *tal-vettura kien €10,300.***

*Is-soċjetà konvenuta targumenta li hija kienet ġustifikata li toffri lill-attur valur inqas billi l-vettura kienet sofriet deprezzament fid-disa' xhur li damet tintuża mill-attur. Iżda imkien ma jirriżulta li s-soċjetà konvenuta offriet lill-attur imqar il-*market value *tal-vettura. Ma jirriżultax li s-soċjetà konvenuta offriet lill-attur li hija stess tħallsu s-somma ta' €10,300 (il-*pre-accident market value *stabbilit mis-*surveyor *tas-soċjetà konvenuta stess).*

*F'dan l-istadju huwa notevoli li għalkemm skont id-dokument li jinsab a fol. 49 il-vettura kienet assigurata sal-ammont ta' €11,000, il-*market value *tal-vettura eżattament qabel l-inċident kien ta' €10,300.*

*It-Tribunal jgħaddi issa sabiex jifli sewwa dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet* ***<u>Joseph u Elizabeth konjugi Borg vs Atlas Insurance Agency Limited noe:</u>***

> *"Fid-dawl ta' dan kollu jirriżulta suffiċjentement pruvat li l-valur li għalih kienet assikurata l-vettura in kwistjoni fil-ħin tal-imsemmi inċident stradali kien wieħed reali u għalhekk is-soċjetà konvenuta la darba waslet għall-konklużjoni li l-karozza kienet "total loss" kellha finalment taċċetta li tħallas l-istess somma, ċioe LM1,500, bit-tnaqqis tal-*excess *u li r-*wreck *ikun tagħha b'hekk LM1,500 li minnhom għandha titnaqqas is-somma ta' LM25. Għalhekk is-soċjetà konvenuta*

*għandha tiġi kkundannata tħallas lill-atturi s-somma ta' elf, erba' mija u ħamsa u sebgħin Liri Maltin (LM1,475). Il-proprjetà tar-*wreck *għandha tkun tas-soċjetà konvenuta."*

***Jirriżulta ċar li l-vettura kienet assigurata għal €11,000 filwaqt li l-*market value *eżattament qabel l-inċident huwa meqjus li huwa €10,300. Ma hemmx provi li l-vettura ma sofrietx minn deprezzament u lanqas hemm provi li l-*market value *tal-vettura kien xi somma oħra.***

*It-Tribunal josserva li l-pożizzjoni li ħadet is-soċjetà konvenuta hija kuntrarja għall-pożizzjoni li ħadet il-Prim'Awla fis-sentenza hawn fuq ċitata. L-argument tas-soċjetà konvenuta, li essenzjalment huwa li parti mis-somma dovuta lill-attur hu seta' jeħodha mill-bejgħ tar-*wreck *u mhux mingħandha direttament, ma għandux mis-sewwa. Fil-fatt, is-soċjetà konvenuta qatt ma argumentat li l-attur ma għandux jieħu s-somma sħiħa iżda biss li parti minn dik is-somma seta' jeħodha mill-bejgħ tar-*wreck *u mhux mingħandha. B'hekk, is-soċjetà konvenuta tiffranka li tħallas ammont sostanzjali ta' flus.*

*It-Tribunal ma jaqbilx mal-pożizzjoni tas-soċjetà konvenuta, speċjalment fid-dawl tal-fatt li s-soċjetà konvenuta stess ma tiċħadx li l-ammont sħiħ huwa dovut lilu. Fil-fehma tat-Tribunal, se mai, is-soċjetà konvenuta messha ħallset il-valur tar-*wreck, *ħadet pussess tal-istess* wreck *u imbagħad għamlet li riedet bir-*wreck. *Jekk is-soċjetà konvenuta kellha offerti għar-*wreck *jew setgħet tbiegħha, messha għamlet dan __wara__ li tkun ħallset lill-attur.*

*It-Tribunal sejjer għalhekk jimxi fuq il-*market value *stabbilit ta' €10,300 u jiddisponi minn din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attur limitatament għal tlett elef euro (€3,000).*

*Għalkemm l-attur ma ppreżentax prova ta' ittra uffiċjali, huwa irrefera għaliha fix-xhieda tiegħu. Inoltre, it-Tribunal jinnota li d-dokumentazzjoni ppreżentata minn John Lentini (ara fol. 46) xhud tas-soċjetà konvenuta, tgħid ċar li ġiet ppreżentata ittra uffiċjali fl-1 ta' Frar 2016.*

***__Decide__***

*Għaldaqstant, it-Tribunal, wara li qara l-atti, sema' x-xhieda, ra d-dokumentazzjoni ppreżentata u sema' t-trattazzjonijiet relattivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta u jilqa' t-talba tal-attur limitatament għal tlett elef euro (€3,000) u b'hekk jordna li s-soċjetà konvenuta tħallas dan l-ammont lill-attur.*

*It-Tribunal jordna li l-interessi relattivi għandhom jiddekorru mid-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali relattiva, jiġifieri mill-1 ta' Frar 2016.*

*It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà konvenuta."*

## L-Appell

7. Is-soċjetà intimata ppreżentat l-appell tagħha fl-4 ta' Frar, 2020, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

*"... tħassar is-sentenza tal-15 ta' Jannar, 2020 fl-ismijiet fuq ċitati, u minflok, tgħaddi biex tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanta, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat."*

8. Is-soċjetà appellanta tgħid li tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal minħabba s-segwenti aggravji: (i) Nuqqas ta' prova dwar l-obbligu kuntrattwali tas-soċjetà appellanta li r-rikorrent jiġi 'meħlus mir-*wreck*' mis-soċjetà appellanta; (ii) It-Tribunal ibbaża ruħu fuq obbligu ineżistenti; (iii) Id-deċiżjoni tat-Tribunal twassal għal arrikkiment indebitu; (iv) It-Tribunal ma kkunsidrax it-telf attwali soffert mir-rikorrent; (v) Ir-rikorrent żamm pussess tal-vettura; (vi) il-ħlas tal-imgħax b'effett mill-1 ta' Frar, 2016.

9. Dwar l-aggravju tan-nuqqas ta' prova, is-soċjetà appellanta tgħid li r-relazzjoni bejn il-partijiet hija waħda kuntrattwali, u għalhekk it-talba tar-rikorrent hija bbażata fuq allegat obbligu *ex contractu.* Tgħid li tul is-smigħ tal-kawża, ir-rikorrent ippretenda li huwa għandu jiġi meħlus mir-*wreck* mis-soċjetà appellanta, iżda naqas milli jispeċifika dan l-obbligu minn fejn joħroġ. Tgħid li r-rikorrent naqas milli jippreżenta kopja tal-polza tal-assigurazzjoni jew

tal-ftehim viġenti bejn il-partijiet fil-mument tal-inċident, u dan minkejja li l-oneru tal-prova jinkombi direttament fuq ir-rikorrent, li fetaħ il-proċeduri quddiem it-Tribunal.

10. Is-soċjetà appellanta tgħid ukoll li d-deċiżjoni tat-Tribunal mhijiex ibbażata fuq il-kuntratt bejn il-partijiet, u lanqas mhija bbażata fuq xi obbligu *ex lege.* Tgħid ukoll li dan l-obbligu ma joħroġ minn ebda kuntratt jew liġi, u għalhekk sostniet li l-pretensjonijiet tar-rikorrent kellhom jiġu miċħuda.

11. Is-soċjetà appellanta tgħid ukoll li l-kompetenza tat-Tribunal hija limitata għal talbiet ta' flus, u għalhekk dan ma kellu l-ebda poter jiddeċiedi dwar it-trasferiment ta' oġġett, u l-ordni ta' ħlas ta' €3,000 lir-rikorrent ser twassal għal arrikkiment indebitu għaliex minkejja li hija qiegħda tiġi obbligata tħallas l-ammont ta' €3,000 lir-rikorrent, m'hemm xejn fid-deċiżjoni tat-Tribunal li jobbliga lir-rikorrent jittrasferixxi r-*wreck* lis-soċjetà appellanta.

12. Is-soċjetà appellanta tgħid ukoll li hija ma taqbilx mal-parti tad-deċiżjoni tat-Tribunal fejn dan jgħid li hija mkien ma sostniet li l-appellat m'għandux jirċievi s-somma sħiħa, imma biss li parti minn dik is-somma setgħet titħallas mill-bejgħ tar-*wreck.* Qalet li hija kkontestat is-somma pretiża, u t-Tribunal naqas milli jikkunsidra r-*wreck* bħala materjal li għandu użu jew valur. Żiedet tgħid li f'dan il-każ l-obbligu tagħha kien li tagħmel tajjeb għat-telf soffert mill-assigurat tagħha, u ladarba ġie stabbilit li l-valur tal-vettura qabel l-inċident kien ta' €10,300, filwaqt li r-*wreck* kellu valur ta' €3,000, hija kienet obbligata tagħmel tajjeb għat-telf attwali soffert mir-rikorrent minħabba l-inċident, jiġifieri l-ammont ta' €7,300, u dan għaliex ir-*wreck* jibqa' proprjetà tar-

rikorrent. Żiedet tgħid li f'dan il-każ ir-rikorrent dejjem kellu għażla jekk riedx jiddisponi mir-*wreck* jew inkella jekk riedx jirranġa l-vettura. Qalet li minkejja li hija ddeċidiet li finanzjarjament ma kienx jagħmel sens li din il-vettura tissewwa, b'danakollu dan ma jfissirx li r-rikorrent kien impedut milli jagħmel dan huwa stess, jew inkella li jbigħ ir-*wreck* bi prezz tajjeb. Żiedet tgħid li f'deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna dwar il-likwidazzjoni tad-danni in segwitu għal inċident, ir-*wreck value* ta' vettura dejjem jitnaqqas mill-ammont dovut.

13. Is-soċjetà appellanta tgħid ukoll li r-rikorrent baqa' proprjetarju tal-vettura tiegħu, u għalhekk f'każ li dan ried jeħles mir-*wreck,* huwa kellu l-obbligu li jittrasferixxi l-proprjetà tiegħu. Żiedet tgħid li madanakollu, ir-rikorrent m'għamel xejn biex jittrasferixxi l-proprjetà tiegħu, anki meta ġie infurmat bl-offerti li kienu qegħdin isiru minn terzi. Qalet li dan ifisser li l-appellat naqas milli jagħmel dak meħtieġ biex inaqqas id-danni sofferti minnu, u hija m'għandhiex tagħmel tajjeb għat-traskuraġni tal-appellat. Kompliet tgħid li kieku l-appellat tassew ippretenda li hija kellha tieħu pussess tar-*wreck* tal-vettura, huwa kellu obbligu li jiddepożita r-*wreck* taħt l-Awtorità tal-Qorti.

14. Is-soċjetà appellanta qiegħda wkoll tikkontesta l-obbligu tal-ħlas tal-imgħaxijiet b'effett mill-1 ta' Frar, 2016, u tgħid li f'dan il-każ l-appellat naqas milli jippreżenta l-ittra uffiċjali jew prova suffiċjenti dwar l-istess ittra, u għalhekk f'kull każ l-imgħax għandu jiddekorri mid-data tas-sentenza. Qalet li l-oġġezzjoni dwar il-ħlas tal-imgħax qiegħda ssir għaliex it-Tribunal ma laqax it-talba għas-somma pretiża mill-appellat in toto u għalhekk l-imgħax ma setax jiddekorri fuq ammont li ma kienx ċert u dovut.

## **Ir-risposta tal-appell**

15. Fir-risposta tal-appell tiegħu, l-appellat qal li l-appell tas-soċjetà appellanta huwa wieħed kontradittorju meta mqabbel mal-pożizzjoni li din ħadet quddiem it-Tribunal, fejn aċċettat li bejn il-partijiet kien hemm kuntratt ta' assigurazzjoni, u hija kienet ħallset l-ammont ta' €7,300 lill-appellat, wara li ddepożitat dan l-ammont taħt l-awtorità tal-Qorti. L-appellat qal li m'hemmx dubju li bejn il-partijiet kien hemm kuntratt ta' assigurazzjoni, tat-tip *full and comprehensive.* Qal li kuntratt tal-assigurazzjoni huwa *uberrimae buonae fidi,* li jfisser li għandu jiġi osservat bir-reqqa kollha u bl-akbar kuxjenza, u f'dan il-każ m'hemmx dubju li l-appellat kien ħallas il-*premium* skont il-valur tal-vettura, u li ftit taż-żmien wara li l-appellat xtara l-vettura tiegħu, seħħ inċident fejn il-vettura sofriet ħsarat li rrendewha *beyond economic repair.* L-appellat qal li s-soċjetà appellanta ma tgħidx minn fejn joħroġ id-dritt tagħha li tiddeċiedi hi l-valur li għandha tħallas għall-vettura, minn fejn joħroġ id-dritt tagħha li tikkalkula *r-wreck value,* jew kif din tista' tobbliga lill-appellat imur ibigħ ir-*wreck* hu. Qal li ladarba s-soċjetà appellanta ffirmat kuntratt, din trid tonorah, u jekk kien hemm xi klawsola dwar x'għandu jsir bir-*wreck,* din kellha tinġieb għall-attenzjoni tat-Tribunal, u mhux wara li ħadet il-ħlas tal-*premium* tiddeċiedi hi kemm għandha tħallas. Qal li kieku huwa aċċetta li jieħu r-*wreck per via di transazione,* is-sitwazzjoni kienet tkun mod ieħor, iżda f'dan il-każ huwa dejjem sostna li min-naħa tiegħu huwa m'għandu l-ebda interess li jkun hu li jmur ibigħ l-*ispare parts* tal-vettura. B'riferiment għall-imgħaxijiet dovuta, l-appellat qal li ma kien hemm l-ebda data posterjuri li l-ammont kien dovut. L-

ammont kien ċert, likwidu u skadut, u għalhekk l-imgħaxijiet huma dovuti kif stabbilit mit-Tribunal.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta, flimkien mas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat fit-tweġiba tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata.

*L-ewwel aggravju:* *nuqqas ta' prova dwar l-obbligu kuntrattwali tas-soċjetà appellanta*

10. Is-soċjetà appellanti tgħid li r-relazzjoni bejn il-partijiet hija waħda kuntrattwali, u minkejja li l-appellat tul il-kawża baqa' jinsisti li kienet is-soċjetà assiguratriċi li kellha tieħu responsabbilità sabiex tiddisponi mir-*wreck,* huwa baqa' ma indikax dan l-obbligu minn fejn joħroġ, kif ukoll baqa' ma ppreżentax kopja tal-polza tal-assigurazzjoni li tirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis li filwaqt li huwa minnu li l-ebda wieħed mill-partijiet ma ppreżenta kopja tal-polza tal-assigurazzjoni bħala prova quddiem it-Tribunal, ma jirriżultax li t-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq xi klawsola li toħroġ mill-polza, imma bbaża ruħu fuq xi deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati li ġew indikati mir-rikorrent appellat. Minkejja li l-polza tal-assigurazzjoni bejn il-partijiet kienet l-aktar dokument importanti li kellu jinġieb bħala prova, f'dan il-każ ma jirriżultax li t-Tribunal ibbaża ruħu fuq xi klawsola partikolari tal-polza, iżda

jirriżulta li l-konsiderazzjonijiet tiegħu kienu bbażati fuq prinċipji ġenerali ta' dritt u fuq xi deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati li nġabu għall-attenzjoni tiegħu. Tqis għalhekk li dan l-aggravju mhux ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju: it-Tribunal ibbaża ruħu fuq obbligu ineżistenti*

11. Is-soċjetà appellanta tgħid li d-deċiżjoni tat-Tribunal mhix ibbażata fuq il-kuntratt bejn il-partijiet u lanqas ma hija bbażata fuq xi obbligu *ex lege.* Tgħid li huwa għalhekk li fil-fehma tagħha t-talbiet tar-rikorrent kellhom jiġu miċħuda.

Il-Qorti tirrileva li fil-liġi u fil-prassi marbuta mal-assigurazzjoni tal-vetturi, normalment issir distinzjoni bejn vetturi li jkunu *beyond economical repair,* u vetturi li tant ikunu sofrew ħsara f'xi inċident li jkunu involuti fih, li jiġu dikjarati li għandhom jiġu *scrapped.* Id-differenza hi li filwaqt li vetturi li huma *beyond economical repair,* hemm mod kif jissewwew, għalkemm il-valur tat-tiswijiet ikun jew jeċċedi l-*pre-accident value* tal-vettura jew inkella jkun viċin tali valur, vetturi li jkunu tajbin biss biex jiġu *scrapped* ma jistgħux jiġu *roadworthy* lanqas jekk b'xi mod jissewwew. F'dawn il-każijiet il-valur ta' tali vetturi jiġi bbażat biss fuq il-piż tal-ħadid tagħhom, li jkun jista' jinbiegħ lil xi *scrap yard.*

Il-Qorti sejra tasal għal konklużjoni li hija differenti minn dik li wasal għaliha t-Tribunal. Il-prinċipju ġenerali li kellu jitħaddem mit-Tribunal fid-determinazzjoni tat-talbiet li kellu quddiemu, kien li l-prinċipju tar-*restitutio in integrum* huwa kkwalifikat mill-prinċipju l-ieħor li jimponi fuq id-danneġġjat l-obbligu li jagħmel dak kollu raġonevoli biex inaqqas il-ħsara u li jieħu l-miżuri

kollha neċessarji sabiex jimmitiga t-telf li jkun ġarrab. F'dan il-każ jirriżulta li minkejja li s-soċjetà appellanta kienet infurmat lill-appellat b'diversi offerti li kellha għax-xiri tar-*wreck* tal-vettura, l-appellat baqa' ma kkonfermax li huwa kien dispost li jbigħ dan ir-*wreck,* u mill-provi jirriżulta li r-*wreck* għadha fil-pussess tal-appellat. Il-Qorti tqis li filwaqt li l-appellat sostna li huwa mhux bejjiegħ tal-*ispare parts* u m'għandux il-ħin jew l-għarfien biex joqgħod javviċina persuni li jistgħu jkunu interessati jixtru l-*ispare parts* tal-vettura tiegħu, mill-provi jirriżulta li s-soċjetà appellanta kienet tatu l-isem ta' garaxx partikolari, Everest Garage, li kien dispost jixtri r-*wreck* mingħand l-appellat għall-ħlas ta' €4,000. Imma l-appellat irrifjuta li jagħmel dan, u minflok baqa' jinsisti li s-soċjetà appellanta għandha tħallsu l-valur sħiħ tal-vettura, fl-istess waqt li baqa' jinsisti li r-*wreck* tal-vettura jibqa' fil-pussess tiegħu. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għal dak deċiż fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Elizabeth Mikkelsen Bartolo *vs.* Oliver Azzopardi**[3], fejn il-Qorti ddeċidiet li ladarba l-attriċi żammet il-vettura, hija kellha l-obbligu li timminimizza d-danni billi tirkupra dak kollu li setgħet mir-*wreck* u d-danneġġjant m'għandux ibati konsegwenzi tan-nuqqasijiet tiegħu. F'din id-deċiżjoni, il-Qorti kkonsidrat illi:

> "L-attriċi ma rrikavat xejn mill-vettura u għalhekk għandha tiġi risarċita l-valur *pre-accident* tagħha ċioe €2,330 imnaqqas però r-*wreck value* li hi għażlet li ma tirkuprahx billi tbiegħ il-vettura għall-*iscrap.* La darba żammet il-vettura hi, kellha kull obbligu li timminimizza d-danni u l-fatt li volontarjament hi għażlet li tagħti b'xejn il-vettura mingħajr ma ppruvat li tirkupra dak li setgħet, ċioe r-*wreck value,* ma għandux ibatih id-danneġġjant. Kif qalet il-Qorti fil-kawża **Michael Camilleri *vs* Joseph Saliba,** (P.A. 28.03.2003):

[3] 04.10.2011.

"il-prinċipji ġenerali regolanti materja ta' riżarċiment ta' danni, kompriż għalhekk id-deprezzament, hi di regola li d-danneġġjat għandu dritt jikkonsegwixxi riżarċiment li jirreintegra l-patrimonju tiegħu minn kull konsegwenza ekonomika tal-event dannuż u għalhekk f'każ ta' riżarċiment *par equivalent* għandu jikkonsisti f'somma li tekwipara l-valur tal-utilitajiet mitlufa" – **Antonia Zammit *vs* Mario Calleja**, Appell, Sede Inferjuri, 12 ta' Jannar, 1977; **Edgar Sant *vs* Peter Borg**, Prim Awla, Qorti Ċivili, 3 ta' Ottubru 1979;

Naturalment din ir-regola tar-*restitutio in integrum* hi kwalifikata minn regola oħra li timponi fuq l-attur id-dmir li jieħu l-miżuri kollha raġonevoli biex jimmitiga t-telf li jkun ġarrab bħala konsegwenza tal-fatt illeċitu, b'mod li jista' jiġi eskluż, fil-każijiet kongruwi, mir-riżarċiment ta' dik il-parti tad-danni dovuta għan-nuqqas tiegħu li jieħu dawk il-passi." (**Joseph Aquilina *vs* Emanuele Schembri,** Appell Ċivili, 24 ta' Jannar, 1969);

Għalhekk l-ammont rikuperabbli mill-attriċi tal-vettura għandu jkun b'sens ta' ekwità ibbażat fuq dak li trid il-liġi, il-valur tal-vettura *pre-accident* imnaqqas bir-*wreck value* ċioe €1,980.50."

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan ir-raġunament. Fil-każ odjern il-Qorti kienet tassew tikkonvinċi ruħha li l-appellat għamel dak kollu possibbli biex inaqqas id-danni għalih, li kieku dan offra r-*wreck* lis-soċjetà appellanta li kienet qiegħda tfittex b'mod attiv u tikseb offerti għall-bejgħ tiegħu. Jirriżulta li l-appellat m'għamel xejn minn dan, u filwaqt li żamm ir-*wreck* għandu, ippretenda li s-soċjetà appellanta għandha tagħmel tajjeb għall-valur sħiħ tal-vettura. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li t-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta huwa mistħoqq, u tilqgħu.

*It-tielet aggravju:* *id-deċiżjoni tat-Tribunal twassal għal arrikkiment indebitu*

12. Is-soċjetà appellanta tgħid li filwaqt li t-Tribunal ordnalha tħallas is-somma ta' €3,000 lill-appellat, m'hemm xejn fid-deċiżjoni tat-Tribunal li jobbliga lill-appellat jittrasferixxi r-*wreck* lis-soċjetà appellanta.

Il-Qorti, in vista tal-konsiderazzjonijiet li għamlet fir-rigward tat-tieni aggravju, sejra tilqa' dan l-aggravju tas-soċjetà appellanta. Il-fatt li l-appellat żamm fil-pussess tiegħu r-*wreck* tal-vettura, jagħti lok għall-possibilità li din tinbiegħ minnu jew li tissewwa, anki jekk bi spejjeż konsiderevoli, u għalhekk l-ordni imposta fuq is-soċjetà appellanta biex tħallas €3,000 lill-appellat mingħajr ordni simili fuq l-appellat biex jittrasferixxi r-*wreck* tal-vettura lis-soċjetà appellanta, qiegħed joħloq sitwazzjoni fejn l-appellat ser jiġi arrikkit indebitament billi jingħata ħlas li huwa ekwivalenti għall-valur tal-vettura, filwaqt li jżomm ir-*wreck*. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li dan it-tielet aggravju huwa mistħoqq, u tilqgħu.

*Ir-raba' aggravju:* *it-Tribunal ma kkunsidrax it-telf attwali soffert mill-appellat*

13. Is-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal kien żbaljat għaliex ikkunsidra li r-*wreck* tal-vettura huwa materjal mingħajr ebda użu jew valur. In vista tal-konsiderazzjonijiet li diġà għamlet din il-Qorti b'riferiment għat-tieni u t-tielet aggravji tas-soċjetà appellanta, il-Qorti tqis li anki dan l-aggravju huwa ġustifikat u tilqgħu għaliex fil-fatt jirriżulta li l-appellat irċieva l-ħlas ammont ta' €7,300 li sar lilu mis-soċjetà appellanta, filwaqt li żamm għandu r-*wreck* tal-

vettura, li għad jista' jiġi rranġat jew jinbiegħ għall-*parts.* Id-danni attwali sofferti mill-appellat jiġi kkalkolati meta wieħed iqis il-*pre-accident value* tal-vettura mingħajr il-valur tar-*wreck* li għal xi raġuni li jafha biss l-appellat, dan iddeċieda li jżomm għandu u ma jiġborx prezzu.

*Il-ħames aggravju:* *l-appellat żamm il-pussess tal-vettura*

14. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-appellat ried li jżomm il-vettura inkwistjoni, u tgħid li minkejja l-offerti li saru minn terzi, l-appellat xorta waħda rrifjuta li jittrasferixxi r-*wreck.* L-appellanta tallega li dan sar għaliex l-appellat ried li jkun hu li jbigħ il-vettura sabiex iġib l-aħjar prezz possibbli tagħha, u kien biss meta ma rnexxilux jagħmel dan, li huwa istitwixxa dawn il-proċeduri. Il-Qorti tirrileva li filwaqt li ma nġabet l-ebda prova dwar l-intenzjonijiet veri tal-appellat u x'kienet ir-raġuni għalfejn baqa' jżomm għandu r-*wreck*, l-appellat kien qarrieqi fix-xhieda tiegħu meta qal li huwa mhux bejjiegħ tal-*ispare parts,* jew inkella li huwa m'għandux il-ħin biex joqgħod idur jipprova jbigħ l-*ispare parts* tal-vettura tiegħu, għaliex f'dan il-każ jirriżulta li s-soċjetà appellanta stess kellha xerrej dispost li jħallas tar-*wreck* tal-vettura. Il-Qorti, b'żieda mal-konsiderazzjonijiet l-oħra li għamlet diġà, tgħid li dan huwa każ ta' *self-inflicted hardship* da parti tal-appellat, li ma jistax issa jippretendi li s-soċjetà appellanta tagħmel tajjeb hi għad-deċiżjonijiet tiegħu.

*Is-sitt aggravju:* *dwar il-ħlas tal-imgħaxijiet*

15. Is-soċjetà appellanta tgħid li f'dan il-każ, hija m'għandhiex tħallas imgħax b'effett mill-1 ta' Frar, 2016 għaliex l-attur naqas milli jippreżenta

prova tal-ittra uffiċjali li huwa jgħid li kienet ġiet mibgħuta lilha. Tgħid ukoll li f'dan il-każ, it-Tribunal ma laqax it-talba tal-appellat *in toto* u għalhekk l-imgħax m'għandux jibda jiddekorri fuq somma li ma kinitx ċerta u dovuta.

Il-Qorti diġà ppronunzjat ruħha li f'dan il-każ m'hemm l-ebda bilanċ li għandu jitħallas lill-appellat, in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti, u għalhekk tqis li l-mertu ta' dan l-aggravju huwa eżawrit u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi:**

**1. Tiċħad l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta, tilqa' t-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames aggravju tas-soċjetà appellanta, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt aggravju tas-soċjetà appellanta;**

**2. Tħassar id-deċiżjoni appellata, u minflok, tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanta, u tiddikjara li m'hemm l-ebda bilanċ li għandu jitħallas lill-appellat mis-soċjetà appellanta.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi huma kwantu għal ħamsa minn sitta a karigu tal-appellat, u kwantu għal wieħed minn sitta a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**